**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 27 ta' Marzu, 2024**

**Mandat Nru: 363/2024/1 AF**

**Patrick Grech**

**vs**

**Rosario Cortis**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Patrick Grech li, permezz tiegħu milli setgħet tifhem il-Qorti, ir-rikorrenti talab is-sospensjoni ta' subbasta Nru. 36/2022 pendenti l-eżitu tal-kawża nru. 776/2023 fejn qed jiġi allegat li s-self sar b'rata ta' imgħax ogħla minn dik permessibbli mil-liġi.

Rat id-dokumenti.

Rat ir-risposta ta' Rosario Cortis.

Rat id-dokumenti annessi.

Semgħet lid-difensuri.

Rat li r-rikors tħalla sabiex jiġi degretat *in camera*.

Rat l-Art. 873 u l-ġurisprudenza relatata.

Ikkunsidrat illi r-rikorrenti qiegħed jitlob lil din il-Qorti żżomm il-bejgħ b'subbasta ta' proprjetà li qegħda tiggarantixxi kreditu ta' Rosario Cortis li kien sellef ammonti ta' flus lil Patrick Grech. Il-kambjali relattivi ġew reżi eżekuttivi permezz ta' ittra uffiċċjali li għaliha ma tressqet ebda opposizzjoni.

Ir-rikorrenti jsejjes it-talba tiegħu fuq raġunijiet identiċi għal dawk li tressqu fil-mandat mitlub minn Helen Attard u li qiegħed jiġi miċħud illum stess minn din il-Qorti kif presjeduta.

Il-Qorti qegħda tqis il-konsiderazzjonijiet tagħha f'dak id-digriet bħal li jgħoddu wkoll għal dan il-mandat.

Madanakollu il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax kif Patrick Grech qiegħed jilmenta li ser tkun Helen Grech li tbati meta tinbiegħ il-proprjetà, meta l-istess bejgħ huwa riżultat tan-nuqqas tiegħu stess li jonora l-obbligi li assuma kemm fil-konfront tal-istess martu kif ukoll fil-konfront ta' Rosario Cortis.

Patrick Grech qieghed jallega li l-flus issellfu b'rata ta' imghax oghla minn dik permissibbli mil-ligi.  Ma gab ebda hjiel ta' prova ta' kemm fil-fatt issellef minghand Rosario Cortis.  Ukoll huwa ghazel li jinjora l-ittra ufficcjali li biha gew rezi esegwibbli l-kambjali *de quo*.  Kien f'dak il-mument li seta' jgib raguni valida kif trid il-ligi.

Il-Qorti hawnhekk ukoll ma tistax tiskarta d-diversi digriet moghtija fl-atti tas-subbasta 36/2022, fejn issemmiet ukoll l-illegalità, liema digrieti cahdu wkoll is-sospensjoni tal-bejgh.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad (ta' Patrick Grech) definittivament it-talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni.

L-ispejjez jithallsu minn Patrick Grech.

IMHALLEF